MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 1051/2010

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Thomas Camilleri – ID-570788(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess Socjeta' attrici l-ammont ta' elfejn, mitejn u sitta u erbghin Ewro u zewg centezmi (€2,246.02c), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-Socjeta' attrici in rigward ghal servizzi lilu rezi mill-istess Socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *427719* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet

sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, mitejn sitta u erbghin Ewro u zewg centezmi (€2,246.02c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------